MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 633/2011

**Cutrico Services Ltd**

**Vs**

**Avantgarde Projects Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta’ Awissu, 2011 fejn is-socjeta’ attrici qalet illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici ta’ Cutrico Services Ltd fl-ammont ta’ sebgha mija u disgha Ewro u dsatax-il centezmu (€709.19). Dan l-ammont huwa dovut kif ahjar spjegat fl-Invoice annessa u pprezentata a fol 2 tal-Process. Ghalhekk is-socjeta’ attrici titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas sebgha mija u disgha Ewro u dsatax-il centezmu (€709.19) bl-imghax legali mid-data tal-invoice u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja.

Fl-istess waqt is-socjeta' konvenuta ghamlet kontro talba ghall-ammont ta' elf mija u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€1,150.50) liema ammont huwa dovut u jirrapprezenta servizzi rezi mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ta' hoisting b'tower crane ta' air conditioning units fuq il-proprjeta ta' KPMG.
Is-socjeta' attrici pprezentat risposta ghal kontra talba fil-11 ta' Ottubru, 2011 fejn eccepiet illi l-kontro talba hija nfondata fil-fatt u fid-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta billi qatt ma kien hemm ftehim li s-socjeta' attrici kellha thallas ghas-servizz tal-crane.
2. Illi fil-fatt is-servizz inghata u ma hareg l-ebda invoice. Kien biss wara li s-socjeta interpellat lis-socjeta' konvenuta ghal hlas li l-istess socjeta' konvenuta ippretendiet hlas ghal uzu ta' crane.
3. Illi jekk is-socjeta' attrici riedet hlas ghas-servizz ta' crane l-istess socjeta' kienet titlob tali hlas mill-klijent taghha f'dak il-hin jekk tuza mezz iehor.
4. Qatt ma kien hemm ftehim lli s-servizz tal-crane jinghata bil-hlas.

It-Tribunal ra x-xhieda ta' Gino Cutajar illi spjega illi l-KPMG ingaggaw lis-socjeta' attrici sabiex tinstalla air conditioning and ventilation/fresh air systems fil-proprjeta l-gdida taghhom. Qalulhom ukoll sabiex ikellmu lil Joe Vella tal-Avantgarde Projects Ltd peress illi kien il-project manager u kien responsabbli kemm ghal kostruzzjoni kif ukoll mill-finishing.

Dan Joe Vella kien infurma lis-socjeta' attrici illi jekk riedu setghu jtellghu l-equipment taghhom bil-crane li kienu qed juzaw huma basta juzawh meta ma jkunux qed juzuah is-socjeta' konvenuta.

Fl-1 ta' Gunju 2010 Joe Vella kkonferma l-installazzjoni ta' air conditioning unit fil-post Shamrock Mary Str Mgarr. Peress illi kienu qed jahdmu flimkien fuq l-istess progett il-kumpanija attrici afdatu u installaw l-air condition unit minghajr depozitu kif jigri dejjem.

Wara li baghtulu diversi statement s ghal hlas u baqa ma hallasx is-socjeta’ attrici baghatitlu ittra bl-avukat. Xi granet wara Joe Vella kellem lil Gino Cutajar permezz tat-telefon u infurmah illi ma setax ihallas. Gino Cutajar talbu ghallinqas jinfurmah meta seta jhallas u baqghu li l-gimgha ta’ wara Joe Vella kellu jghatih din l-informazzjoni.

Ftit zmien wara minflok din l-informazzjoni ircevew ittra legali b’talba ghall-hlas. Fl-affidavit tieghu Gino Cutajar qal illi dan il-hlas huwa inaccettabli peress illi l-crane gie offrut b’xejn minn Joe Vella waqt illi kien qed itella xoghol iehor u intalab il-hlas wara li s-socjeta’ konvenuta giet issikata biex thallas ghal air conditioning unit. Qal ukoll illi li kieku gew infurmati li kienu ser jigu iccargjati tal-crane allura kienu jinkludu dan l-ammont mal-kont tal-klijent.

Xehed ukoll Keith John Cutajar permezz ta’ affidavit fejn spjega illi l-crane li ntuza kien diga mikri lil KPMG mill-Avantgarde Projects. Huma filfatt kellhom jistennew biex juzaw il-crane u qatt ma ssemma li kienu ser jigu iccargjati sabiex juzaw il-crane. Filfatt qatt ma rcevew invoice jew xi talba ghal hlas hlief sitt xhur wara.

It-Tribunal sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

It-Tribunal jara illi l-uniku provi li ngiebu kienu l-affidavits ta’ Gino Cutajar u Keith John Cutajar.

Is-socjeta’ konvenuta ma gabet l-ebda prova la biex tirribatti l-provi migjuba mis-socjeta’ attrici u lanqas sabiex tissostanza l-kontro talba taghha.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi mill-provi migjuba mis-socjeta’ attrici m’ghandux ghaliex ma jemminx l-verzjoni tal-fatti kif pprezentata mix-xhieda tas-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi illi filwaqt li jichad il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ sebgha mija u disgha Ewro u dsatax-il centezmu (€709.19) lis-socjeta’ attrici bl-imghax legali

dekorribbli mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkun a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------